

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Walicka u M. Fischer, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Mejju 2018 (Każ R 2650/2017-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali real nature bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-28 ta' Mejju 2018 (Każ R 2650/2017-2) hija annullata sa fejn din ir-regħifut ir-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali real nature bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea għas-servizzi ta' "reklamar; marketing; konsulenza organizzattiva u professionali għall-konċessjonijiet; distribuzzjoni ta' know-how ekonomiku (konċessjoni)", li jaqgħu fil-klassi 35 fis-sens tal-Flehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks tal-15 ta' Ġunju 1957 kif rivedut u emendat.*
- 2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Multifit Tiernahrungs GmbH għandha tbat l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll żewġ terzi tal-ispejjeż sostnuti mill-EUIPO. Dan tal-aħħar għandu jbatis terz tal-ispejjeż tiegħi.*

(¹) ĠU C 319, 10.9.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2019 – Zhadanov vs EUIPO (Scanner Pro)

(Kawża T-492/18) (¹)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Scanner Pro – Raġuni assoluta għal rifjut – Assenza ta' karattru distintiv miksib permezz tal-użu – Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2017/1001")

(2019/C 413/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Igor Zhadanov (Odessa, l-Ukraina) (rappreżentant: P. Olson, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Sakalaitè-Orlovskiené, S. Palmero Cabezas u H. O'Neill, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Ġunju 2018 (Każ R 1812/2017-2), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Scanner Pro bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Igor Zhadanov huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 352, 1.10.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2019 – Franza vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-507/18) (¹)

("FAEG u FAEŻR – Infiq eskluż mill-finanzjament – Infiq imwettaq minn Franza fil-kuntest tal-programm ta' għażiell speċifiċi għad-distanza u għall-insularitā (POSEI) – Kontabbiltà mhux preċiża għal ċerti konsenji tal-banana (snin finanzjarji 2013 sa 2016) – Korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa")

(2019/C 413/61)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: F. Alabrune, D. Colas, S. Horrenberger, A.-L. Desjonquères, A. Alidière u C. Mosser, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Lewis u J. Aquilina, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/873 tat-13 ta' Ġunju 2018 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea nefqa partikolari li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) (²), sa fejn tapplika korrezzjoni b'rata fissa ta' 5 % fir-rigward tar-Repubblika Franċiża, ekkwivalenti għal ammont totali ta' EUR 1 945 435,39, fir-rigward tal-miżuri intitolati "Għajnuna Diretta Oħra – POSEI", minħabba "[k]ontabilità mhux preċiża għal ċerti konsenji tal-banana", għas-snin finanzjarji 2013 sa 2016.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 392, 29.10.2018.

(²) ĠU 2018, L 152, p. 29.
